**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 32

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 32 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 17 ta'Ġunju 2021, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid -Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout — 11 ta' Ġunju, 2021
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Anne Fenech — Kunsillier
- Graziella Galea — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

**32.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

**32.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (31)**

Il-Minuti 31 ġew approvati kif tressqu.

**32.3Punti mill-minuti**

**IVECO KBM 554/ kiri ta' Vettura**

Il-kunsill ġie nfurmat li l-vettura Iveco KBM 554 ġiet mibjugħa bil-prezz ta' 3,000 Euro skond dak deċiż mill-kunsill fil-laqgħa 31.

**Ġbir ta' skart riċikabbli - perjodu 2021 - 2022.**

Kienet kumpanija waħda biss, Green MT, li uriet interess u tefgħet sejħa għall-offerti. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni favur li l-kunsill jagħti is-servizz ta' ġbir ta' skart riċikabbli lill-Green MT. Il-Kunsilllier Stephen Cremona ssekonda.
Il-kunsill approva l-offerta ta' Green Mt.

17:40pm Il-Kunsillier Anthony Delia daħal għall-laqgħa.

**The Queen's Baton Relay**

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb bagħt emejl biex juri d-diżappunt tiegħu għall-fatt ta' nuqqas ta' interess li wera l-kunsillier risponsabbli mill-attivitajiet sportivi Chris Vella Petroni, ghall-attivita "The Queen's Baton Relay". Fejn intqal li mhux biss injora kompletament il-korrispondenza imma l-anqas biss attenda għall-laqgħa li hu risponsabbli li jmexxi.

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni wieġeb li għaliħ hi ftit problema li jiġi fil-għodu u li l-laqgħat qed isiru fil-ħin li jaqbel lill-Viċi Sindku.

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ressaq Point of Order fejn qal li l-Kunsillier Chris Vella Petroni kien qed jagħti nformazzjoni skorretta, tant, li s-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email kemm lill-Kunsillier Chris Vella Petroni kif ukoll lilu biex tistħarreġ jekk jistawx. Biss hu njoraha kompletament. Is-Segretarju Eżekuttiv, Sinj.Mariella Strout ikkonfermat li bagħtet l-email u anke ċemplet.

Is-Sindku qal li din hi t-tieni darba li l-Kunsillier Chris Vella Petroni ma attendiex għall-laqgħa li għanda x'taqsam mad-dekasteru tiegħi stess u stiednu jkun aktar attiv.

Fuq mistoqsija dwar se jiġri fil-futur, il-Kunsillier Chris Vella Petroni ikkonferma li se jżomm il-kariga.

**Sirens Acess Road**

Il-kunsill ġie nfurmat li n-Nutar Pubbliku kellu bżonn l-istatut ta' Sirens ASC mingħand il-klabb kif ukoll pjan ta' azzjoni.

**32.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Għorfa triq tax-Xema**

Ms A.Spiteri kitbet lill-kunsill biex issib appoġġ biex binja li allegatament kienet "Għorfa"u li tinsab parzjalment fi triq skedata li titwessa ma titwaqqax hekk kif iddettat li jsir mill-Awtorita ta' l-Ippjanar. Ta' l-istess opinjoni s-Supretendent tal-wirt kulturali.

18:15pm Il-Kunsillier Paul Bugeja ħareg mill – laqgħa

Wara diskussjoni kemm xejn twila bejn il-membri tal-kunsill kien hemm qbil li din materja terġa titla bħala item fuq l-aġenda f'laqgħa oħra.

**Bolt Malta - escooters**

Il-kunsill irċieva email mingħand il-kumpanija Bolt fejn dawn infurmaw li l-kumpanija għanda liċenzja biex topera servizz ta' e-scooters u għalhekk qed juru nteress li jespandu l-operat tagħhom f'San Pawl il-Baħar. Għaldaqstant jinteressahom li l-kunsill jagħti ħsibijietu dwar is-servizz ta' e-bikes.

Is-Sindku Alfred Grima informa li l-Ġimgħa 18 ta' Ġunju, 2021 hu, flimkien mal-Viċi Sindku, Carlos Zarb u s-Segretarju Eżekuttiv, Sinj.Mariella Strout mistennija jiltaqaw mar-rappreżentanti tal-kumpanija. Qal ukoll, li l-Legislazzjoni Sussidjarja 499.67 li titratta sewqan ta' scooters fit-toroq pubbliċi tagħti dritt lis-sewwieq li jsuq u jipparkja lis-scooter tiegħu/mikri fuq il-bankini, max-xtajta u f'żoni pedonali.

Il-kunsill huwa tal-fehma illi minħabba l-vunerabilita ta' l-infrastruttura fil-lokalita ma jistax jappoġġja din l-inizzjattiva.

**Proġett Life Euro Turtles**

Nature Trust kitbu lill-kunsill biex possibilment jgħin tiġi organiżżata sezzjoni ta' informazzjoni għas-sajjieda lokali li titratta l-konservazzjoni ta' żewġ speċi ta' fkieren tal-baħar. Din il-laqgħa se tinżamm il-Gillieru nhar it-23 ta' Ġunju, 2021.

**32.5 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Il-Kunsilliera Graziella Galea staqsiet lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv

1. B'referenza għat-tweġiba li ngħatat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, l-ammont ta' boroż għall-ġbir ta' skart riċiklabbli li l-Kunsill qed jirċievi biex iqassam lir-residenti hu ferm inqas minn dak li suppost jirċievi; x'azzjoni qed tittieħed u/jew hemm ppjanat li tittieħed biex l-ammont ta' boroż grizi dovutu lill-Kunsill jingħata kollu biex ir-residenti ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-boroż li jitqassmu b'xejn?

**Risposta**: Is-Sindku Alfred Grima qal, li għal darba oħra, il-kunsill ta’ San Pawl il-Baħar irċieva offerta waħda biss minn massimu ta’ żewġ kumpaniji, li uriet interess fil-ġbir ta’ lis-skart riċikabbli fejn din id-darba l-boroż l-anqas biss huma nkluzi fl-offerta. Għaldaqstant jidher, li ma tantx hemm x’wieħed jagħmel u għalhekk aktar il-quddiem fl-istess laqgħa se nkun inressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill ix-xiri tal-boroż griżi.

2. B'referenza għall-parkeġġ ta' taħt l-iskola primarja ġdida fil-Qawra, li sal-lum ghadu mhux jintuza kif mixtieq, id-draft agreement dwar l-uzu ta' dan il-parkegg gie konkluz? Jekk iva, napprezza jekk tigi pprezentata kopja ta' dan id-draft agreement. Jekk le, meta hu ppjanat li jkun lest dan id-draft agreement?

**Risposta**: Is-Sindku Alfred Grima qal li jiddispjaċih jinnota, li filwaqt li qed isiru diversi mistoqsijiet kif ukoll kitbiet fuq il-midja soċjali mill-kunsilliera dwar il-ħtiega li l-parkeġġ ta’ l-iskola tal-Qawra jinfetaħ għall-pubbliku, ħadd mill-kunsilliera, għajr għall-Viċi Sindku Carlos Zarb u l-kunsilliera Mario Salerno ma ġew lura b'xi proposta konkreta li tgħin jitfassal pjan dwar kif jista jitmexxa l-parkeġġ. Dan meta hu stess bagħt diversi dokumenti fosthom il-kuntratt tal-parkeġġ tal-Ħamrun kif ukoll bażi ta’ ftehim li jista jintlaħaq mal LESA datati 9 ta' Awwissu u l-10 ta' Settembru 2020 rispettivament.

3. B'referenza għax-xogħol li qed isir fiż-żona magħrufa bħala Tas-Simenta', b'mod partikulari issa li wasal l-istaġun tas-Sajf u allura l-użu iktar frekwenti ta' din iż-żona, meta hu ppjanat li jkun lest dan ix-xogħol sabiex din iż-żona tkun tista' titgawda minn kulħadd?

**Risposta:** Is-Sindku Alfred Grima infurmat li l-istess interpellant ingħatat diversi risposti minn TM dwar dawn ix-xogħolijiet u għalhekk ma għandiex xi jżid magħhom.

4. B'referenza ghall-laqgħa li kellna nhar it-28 t'April, 2021 rigward l-Eco Intermodal Hub fiz-zona tal-Qawra, fejn inghad li kienu ngiebu l-permessi necessarji ghal dan il-progett, x'inhu n-numru tal-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar ghal dan il-progett? Il-Kunsill ghandu kopja ta' dawn il-permessi? Jekk iva, napprezza jekk tigi pprezentata kopja ta' dawn

il-permessi. Jekk le, naprezza jekk din l-informazzjoni tintalab lil min ressaq il-proposta sabiex dawn jigu provduti.

**Risposta:** Il-mistoqsijiet inkwistjoni ġew imwieġba fil-laqgħa tal-kunsill.

5. B'referenza ghat-twegiba li ngħata l-Kunsill f'Marzu 2021 mingħand Transport Malta, rigward ix-Xemxija Marina, il-Kunsill irceva iktar informazzjoni rigward din iz-zona, per ezempju jekk il-permessi minn entitajiet ohra ghal dak li kien ppjanat minn Transport Malta ghal din iz-zona inhargux?

**Risposta: Mhux magħruf li l-kunsill irċieva aktar informazzjoni.**

Il-Kunsilliera Graziella Galea ċċarat il-punt li l-mistoqsijiet għamlithom fil-laqgħa l-oħra.
Il-Kunsillier Chris Vella Petroni staqsa lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv

1. Il-parking li kellu jintuza gewwa l- iskola tal qawra għar-residenti....Hemm xi risposta fuq dan il-Parking ?

   **Risposta**: Is-Sindku Alfred Grima qal li r-risposta għal din id-domanda ngħatat ftit mumenti ilu fl-istess item.

2. Fuq it-tabelli tal Bye law ta'xorb alkoħoliku tista tghidli fejn twaħħlu? U għaliex max-xatt ta'Bugibba fejn il-pjazza m'hemm l-ebda tabella tal-Bye law?
**Risposta:** Twaħħlu 14 il-tabella, bosta minhom fil-bidu ta' kull triq priċipali li minna bilfors wieħed jeħtieġ li jagħaddi biex jidħol fil-lokalita. Oħrajn twaħħlu f'gonna/parks pubbliċi. L-iskop tal-Bye-Law mhux li jitnaffar in-negozju imma li jitrażżnu bl-aħjar mod l-abbużi.

Il-Kunsillier Alfred Bray staqsa lis-Sindku,

1. X'ser jiġri f'Ta Fra Ben, se jibqa magħluq għall-vetturi?

**Risposta:** Is-Sindku Alfred Grima qal li se jibqa magħluq kif iddeċieda l-kunsill.

2. Il-bumping cars ta' Buġibba se jerġaw jintramaw?

**Risposta:** Il-bumping cars diġa ntramaw u fuq parir legali l-kunsill ma ħariġ il-permessi neċessarji.

Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li bagħtet mistoqsija lis-Segretarju Eżekuttiv :

1. B'referenza għat-tweġiba li ngħatat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, fejn ingħad li l-boroż griżi għall-ġbir ta' skart riċiklabbli li jitqassmu mingħajr ħlas mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar kienu għadhom ma waslux,

a) dawn fil-fatt waslu?

**Risposta :** Iva. Waslu 2,400 roll.

Jekk iva :

b) Meta waslu?

**Risposta :** Ma għandix din l-informazzjoni hawnhekk. Din il-mistoqsija u mistoqsijiet oħra mibgħuta ser jiġu mwieġba bil-miktub.

Din il-mistoqsija u l-kumplament tal-mistoqsija ser jiġu mwieġba bil-miktub.

## 32.6 <u>Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti</u>

### 32.6.1 Evalwazzjoni - Tender for the Provision of Architect Services SPB T/ 11/2019

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sinj.Mariella Strout qrat ir-rapport ta' l-evalwazzjoni fejn il-Bord issuġġerixxa li l-kumpanija tal-Periti EMPD li tefgħet l-irħas offerta fl-ammont ta' 2,906 Euro għandha tingħata l-inkarigu.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni favur li l-kunsill japprova r-rapport kif tressaq mill-Bord. Il-Kunsilllier Anthony Delia issekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva r-rapport kif tressaq

**32.6.2 SPB T02/2020 Tender for the Provision of Non-Urban Grass Cutting**

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sinj.Mariella Strout qrat id-deċiżżjoni meħuda mill-Bord ta' Reviżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi dwar l-appell li sar minn waħda mill-kumpaniji li tefaw offerta għal xiri ta' servizz ta' qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita.Fejn il-Bord tagħa struzzjonijiet biex il-proċess jitħassar kompletament. L-oġġezzjonat saru dwar li l-kumpanija li rebħet l-offerta 'proofreading.com Ltd ma teżistix, li l-istess persuna li rebħet il-kuntratt tefgħet żewġ offerti għall-istess sejħa, waħda ndividwalment u oħra bi sħab, kif ukoll għax ċertu tagħmir offrut ma jikkonformax mar-rekwiżiti tekniċi.

Il-kunsill ġie nfurmat li d-deċiżżjoni meħuda mill-Bord ta' Reviżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi hija finali fejn l-uniku rimedju jista jittieħed biss permezz ta' kawża fil-qorti. Għalkemm qeda tiġi ppreparata risposta ma huwiex rakomandat li tinfetaħ kawża minħabba li taf iżomm lill-kunsill snin sħaħ biex jonroġ it-tender.

Is-Segretarju Eżekuttiv tagħt rendikont ħafif ta' kif ġraw il-fatti, fejn qalet li s-smiegħ ta' l-appell inbeda tard, bil-konsegwenza li l-kunsill spiċċa mingħajr rappreżenza legali minħabba li l-avukat Dr David Bonello kellu jitlaq f'kawża oħra. U għalkemm talab biex il-każ jiġi aġġornat għal data oħra, xorta din baqgħet għaddejja. Issemma l-fatt ukoll, li l-user name 'proofreading.com jiġi użat mill-Consortium, fejn l-ID fis-sistema ta' l-EPPS kien korrett. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li c-Chairman ġie mislead għax it-tagħmir offrut mill-kumpanija li rebħet is-sejħa maħruġa jikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni favur li l-kunsill joħroġ mill-ġdid is-sejħa pubblika. Il-Kunsilllier Anthony Delia issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva l-mozzjoni.

**32.7 Item Ingaġġ ta' Tradesman Mason Skala 16.**

Is-Sindku qal li biex tiġi ndirizzata l-problema enormi tal-bankini bl-aħjar mod u fl-anqas żmien qed iressaq mozzjoni biex il-kunsill jimpjega "Tradesman Mason" fi skala 16 li xogħol priċipali tiegħu jkunu tiswija/bini ta' bankini.

Is-sekonda l-mozzjoni l-Viċi Sindku Carlos Zarb.

Il-kunsill approva l-mozzjoni.

**32.8 Item Ingaġġ ta' Ġardinar Skala 16.**

Il-kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal-fondi mill-iskema GalMajjistral Measure 4 intlaqet fejn se jiġi ffirmat il-grant agreement.

Il-Kunsilliera Graziella Galea iddikjarat li hi membru fil-Bord Gal Majjistral.

Is-Sindku Alfred Grima qal li għalhekk jeħtieġ li dawn it-22 sit madwar il-lokalita kif ukoll oħrajn ġodda jibqaw jiġu kkultivati. Għaldaqstant, hu ressaq mozzjoni biex il-kunsill jimpjega Ġardinar" fi skala 16. Is-sekonda l-mozzjoni l-kunsillier Mario Salerno.
Il-kunsill approva l-mozzjoni.

19.00 pm Il-kunsillier Stephen Cremona ħareġ mill-laqgħa.

**32.9 Item: Legislazzjoni Sussidjarja 499.67 li tirregola Micromobility**

Is-Sindku Alfred Grima qal li jħoss li l-kunsill għandu jiddiskuti l-Legislazzjoni Sussidjarja 499.67 li titratta sewqan ta' scooters fit-toroq pubbliċi (Micromobility Regulations). Dan minħabba l-fatt li din se jkollha mpatt negattiv fuq il-lokalita. Fejn għal xi raġuni l-kunsill ma nġibx konxju ta' din il-liġi minkejja li din iddaħlet fis-seħħ fis-27 ta' Diċembru, 2020. Sinifikanti f'din il-liġi hemm, li din tagħti dritt lis-sewwieq li jsuq u jipparkja lis-scooter tiegħu/mikri fuq il-bankini, max-xtajta u f'żoni pedonali. Dan b'detriment kbir għas-sigurta ta' dawk kollha li jagħmlu użu mill-bankina,b'mod speċjali għal persuni nieqsa mid-dawl. Għalkemm jidher li kien hemm qbil bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL),il-Kumitat ta' l-Immaniġjar tat-Traffiku, il-Pulizija, il-LESA kif ukoll ic-CRPD dwar li l-ħtieġa li jsiru l-emenda meħtieġa, xorta din il-Legislazzjoni ġiet ippubblikata bin-nuqqasijiet imsemmiegħa.

Għaldaqstant fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Alfred Bray, ġie deċiż, li l-kunsill jikteb b'mod uffiċċjali lill-Ministru ta' l-Intern, l-Onorevoli Dr Byron Camilleri, CC lil dawk kollha konċernati, fejn fiha irid jintqal;

"illi, il-kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar huwa favur il-kunċett ta'e-scooters, biss, mill-banda l-oħra huwa totalment kontra li jkomplu jinħolqu ostakoli ġodda fuq il-bankini li ma humiex attrezzati biex fuqhom jinsaqu e-scooters jew xi ħaġa simili.
Għaldaqstant, qed nitolbuk, biex fil-kapaċita tiegħek ta' Ministru ta' l-Intern, tipproponi li jsiru l-emenda neċessarji fil-liġi nkwistjoni biex dawn l-e-scooters ma jiġux misjuqa fuq bankini jew żoni pedonali li ma għandhomx il-faċilita ta' cycle lane. Dan b'rispett sħiħ lejn is-saħħa u s-sigurta ta' dawk kollha li jagħmlu użu mill-bankini, b'mod speċjali persuni vulnerabbli u dawk nieqsa mid-dawl.

19.15pm Il-kunsillier Stephen Cremona daħal lura fil-laqgħa.

**32.10 Item: Ftehim bejn il-Kunsill u l-LESA**

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill abbozz ta' ftehim ta' immoniteraġġ 24/7 ta' CCTV's mill-kumpanija LESA li permezz tiegħu qed jingħata kunsens mill- kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar biex il-LESA tkun tista tuża c-CCTV's tiegħu biex tħarrek. Is-sekonda l-mozzjoni l-kunsillier Alfred Bray. Il-kunsill approva l-mozzjoni.

**32.11 Item: Klejms**

Il-Bord maħtur ta' l-ilmenti fil-konfront tal-kunsill irrakomanda illi, minn total ta'5 klejms li tressqu, jiġu aċċettati 3 b'total ta' 490.00 Euro. Klejm minhom għandu jintbagħat lill-kumpanija ta' l-insurance tal-kunsill minħabba li dan jaqbeż il-massimu tal-valur miftiehem mill-kunsill ta' 250 Euro. Filwaqt li ieħor ma ġiex aċċettat.

Il-kunsill approva r-rapport imressaq.

8:00 pm Il-kunsillier Chris Vella Petroni ħareġ mill-laqgħa.

**32.12 Item: Software ġdid għas-sistema tal-permessi**

Il-kunsill qabel li tinħareġ sejħa għal xiri ta' software ġdid għas-sistema tal-permessi.

**32.13 Item: Innovazzjoni**

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ressaq il-mozzjonijiet segwenti.

**Pocket Astray**

Biex il-kunsill jixtri Pocket Astray li jintużaw favur il-promozzjoni għall-aktar indafa pubblika. Il-Kunsilllier Anthony Delia issekonda l-mozzjoni.

Il-kunsill approva bagit sa massimu ta' 2,000 Euro Vat inkluż u li dawn jintużaw waqt l-attivitajiet imtella mill-kunsill.

**Arti mal-ħitan pubbliċi**

Biex tinħareġ espressjoni ta' interess fejn il-pubbliku jista jressaq suġġerimenti ta' ħitan pubbliċi li fejn tista titpinġa xi arti.Is-Sindku ssekonda l-mozzjoni.

Il-kunsill approva.

**Cats Shelters**

Biex il-kunsill inigħdi jnizzjattiva biex jinbnew cat xelters bl-użu tal-pallets ta' l-Injam u bhekk il-kunsill ikun qed jgħin bl-aħjar mod biex dawn jiġu utiliżżati mill-ġdid. Is-Sindku ssekonda l-mozzjoni.

Il-kunsill approva.

**32.14 Approvazzjoni ta' Kontijiet u xiri ta' oġġetti / servzzi.**

Rigward pagament 491 (żarbun) inġibdet l-attenzjoni li l-ispiża approvata mill-kunsil ta' l-uniformi tal-ħaddiema klerikali ma tinkludiex xiri ta' żraben u għaldaqstant il-kunsill ma approvax dan il-pagament.

Inġibdet l-attenzjoni li "The Street Lighting" ma nagħtat l-ebda tender tal-Milied. Għaldaqstant, il-kunsill iddeċieda li l-pagamenti kollha li jidru f'din lis-skeda f'isem il-kumpanija "The Street Lighting" għandhom jinħarġu f'isem min rebaħ is-sejħa pubblika.

Il-kumplament ta' lis-skeda ta' pagamenti ġiet approvata kif tressqet .

**Servizz addizzjonali ta' ġbir ta' skart**

Il-kunsill jeħtieġ servizz addizzjonali ta' ġbir ta' skart fl-inħawi ta' bejn il-boat houses ta' Ta Fra Ben u triq ix-Xtut bħas-sena preċidenti.

Is-Sindku Alfred Grima ddikjara konflitt ta' interess minħabba li hu jaħdem ic-CMD.

Il-kunsill approva x-xiri ta' servizz addizzjonali ta' ġbir ta' skart mic-CMD fl-inħawi ta' bejn il-boat houses ta' Ta Fra Ben u triq ix-Xtut bħas-sena preċidenti għall-prezz ta' 85 Euro VAT inkluża kull ġabra, tlett darbiet fil-ġimgħa. Ġie ċċarat li l-Kunsill għandu MOU mac-CMD u li ma hemmx bżonn tinħareġ sejħa għall-offerti.

**32.15 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-8.30pm fejn din ġiet aġġornata għal 15 ta' Lulju, 2021.

| | |
|---|---|
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |